**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors nru: 59/06 AGV .**

**AB kif rapprezentata f'Malta minn C u D konjugi E ID rispettivi 938147 (M) u 591746 (M) zieda awtorizzata b'digriet tat-23 ta' Jannar, 2007.**

**Vs**

**FB.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-13 ta' Marzu, 2006, li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi fl-1 ta' Marzu, 2004, il-konvenut intavola citazzjoni bin-numru 60/2004, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-procediment ta' separazzjoni personali minn mal-esponenti fejn ippremetta illi:-

(a) Huwa kien izzewweg lill-esponenti fit-13 ta' Gunju, 1964;

(b) Miz-zwieg taghhom il-kontendenti m'ghandhom ebda tfal minuri;

(c) Iz-zwieg tkisser irrimedjabilment snin ilu tant illi l-konvenut u l-esponenti ilhom zmien twil separati de facto;

(d) Illi l-konvenut ilu snin twil ighix wahdu f'Malta u l-esponenti ilha zmien twil tghix wahedha l-Inghilterra;

U talab li l-Qorti tordna u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti *a mensa et thoro* minhabba ragunijiet validi u kontemplati fil-ligi, kif ukoll talab il-Qorti sabiex tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tassenja kull parti s-sehem tieghu/taghha mill-imsemmija komunjoni tal-akkwisti. Illi l-konvenut talab ukoll li tigi ddikjarata l-proprjeta' parafernali ta' kull parti u tassenja l-istess lil kull parti rispettivament u talab li jigi ddikjarat li l-esponenti m'ghandha ebda dritt ta' manteniment minn zewgha;

**ECCEZZJONIJIET**

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nominati mhux skond il-ligi stante l-bandu tal-kuraturi ma gietx notifikata skond il-ligi a tenur tal-Artikolu 931 tal-Kap.12 u gie eccepit:-

(a) Illi l-esponenti kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipproducu eccezzjonijiet ultejuri fi stadju aktar tard meta jkunu edotti mill-fatti;

(b) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**SENTENZA TAL-QORTI**

Illi fis-sentenza tal-Qorti, deciza fi-31 ta' Mejju, 2005, il-Qorti ddecidiet li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti a mensa et thoro minhabba ragunijiet validi u kontemplati fil-ligi konsistenti fl-inkompatibilita' ta' karattru tal-istess zwieg u l-konvivenza bejn il-partijiet tkissret irrimedjabilment;

Illi l-Qorti inoltre ddikjarat u tterminat il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'effett mid-data tas-sentenza u assenjat lill-konvenut FB l-kera tal-fond 5, Triq il-Karmelitani, Fgura kif ukoll il-proprjeta' tal-fond "Sydney House," Triq ic-Cern, Xghajra, Ghawdex, mentri l-konvenuta giet assenjata l-fond 6, Garfield House, Greatfield Estate, East Hull, l-Inghilterra.

Illi l-Qorti ddecidiet ukoll li ebda parti m'ghandha dritt li titlob jew tezigi hlas ta' manteniment minghand il-parti l-ohra.

**Rikors ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja)**

Illi l-esponenti hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza u interponiet tali rikors ta' ritrattazzjoni ghas-sentenza in kwistjoni.

**Fatti tal-Kaz**

1.Illi l-attrici tghix permanentement l-Ingilterra u dan kien jafu l-konvenut b'ittra li baghat il-konsulent legali tieghu Dokument EV 1.

2. Illi l-attrici ghandha t-tifel taghha GB jghix Malta u ilu jghix Malta minn dejjem u ghalhekk il-bandu tal-kuraturi missu gie notifikat se mai lilu.

3. Illi qabel ma sar ic-citazzjoni 60/2004 mill-konvenut FB ghas-separazzjoni personali bejnu u bejn martu l-esponenti, sar rikors fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju, 2003 fejn intalbu li jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti AB wara li johorgu l-bandi soliti.

4. Illi dan ir-rikors gie ddekretat fil-31 ta' Lulju, 2003 u gie notifikat bil-bandu tal-kuraturi Dr. Anthony Ellul ghal Dr. Frank Cassar LLD bhala suppost konsulent legali tal-konvenuta fit-28 ta' Awissu, 2003.

5. Illi l-esponenti la qatt kellha bhala l-avukat taghha lil Dr. Frank Cassar u/jew Dr. Anthony Ellul u/jew avukat iehor f'Malta u lanqas huma qraba taghha.

6. Illi ghalhekk, il-hrug tal-bandu tal-kuraturi huwa null, abbuziv u ghalhekk ghandu jigi ddikjarat bhala proceduralment null, ineffettiv u llegali u abbuziv.

7. Illi, sussegwentement u cioe' fl-10 ta' Settembru, 2003 gew nominati bhala kuraturi deputati l-Avukat Dr. Martin Fenech u PL Veronica Rossignaud sabiex jirrapprezentaw lill-assenti AB sia fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla kif ukoll fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

8. Illi la Dottor Martin Fenech u lanqas PL Veronica Rossignaud ma nnotifikaw u/jew informaw lill-konvenuta bil-proceduri pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rigwardanti l-kawza ta' separazzjoni pendenti quddiem il-Qrati Maltin meta l-konvenut kien jaf bl-indirizz taghha skond Dokument EV 1 fil-process.

9. Illi l-attur kien jaf ben tajjeb u precizament fejn tghix il-konvenuta kif ukoll in-numru tat-telefon tal-Inghilterra tad-dar, tant li huwa ukoll ghamel zmien ighix fid-dar taghhom l-Inghilterra u kien hemm anki korrispondenza kemm mill-konvenut u l-istess esponenti kif jidher fid-dokument anness bhala EV1. Illi, inoltre, l-istess esponenti kienet giet Malta ghaz-zwieg tat-tifel taghhom Ivan Vella li zzewweg fid-29 ta' Mejju, 2005, izda l-konvenut satar kollox mill-esponenti u ma nfurmaha xejn dwar il-kawza in kwistjoni.

10. Illi minkejja dan kollu u minkejja li l-esponenti skond il-ligi missha giet notifikata bil-proceduri pendenti quddiem dawn il-Qrati, dan ma sarx u minkejja dan il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fejn ma gewx osservati l-principji ta' gustizzja naturali "audi alteram partem."

11. Illi fil-31 ta' Mejju, 2005, minghajr il-kunsens u/jew il-konoxxenza tal-esponenti, il-konvenut FB akkwista sentenza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-konfront tal-esponenti, liema esponenti kienet assenti minn Malta u dan kif jidher fl-anness sentenza Dokument EV 2.

12. Illi b'din is-sentenza zewgha l-konvenut odjern gie assenjat il-proprjeta' "Sydney House," Triq ic-Cern, fix-Xghajra, Haz Zabbar li ghandha valur ferm akbar mill-fond 6, "Garfield Close," Great Field Estate, EST Hull, England, liema proprjeta' l-konvenut FB naqas milli jghid fix-xhieda tieghu li l-proprjeta' tal-Inghilterra, hija soggetta ghall-mortgage qawwi ta' madwar erbghin elf Sterling Pounds (STG 40,000).

13. Illi l-esponenti saret taf b'dan kollu u bil-proceduri tal-Qorti kontra taghha minn zewgha, recentement ossia f'nofs ix-xahar ta' Jannar, 2006, meta l-istess konvenut qal lill-istess esponenti fuq it-telefon li huwa m'ghandux bzonn il-firma taghha ghall-bejgh tal-proprjeta' taghha, fix-Xghajra, Haz Zabbar, peress li akkwista separazzjoni b'sentenza tal-Qorti ta' Malta.

14. Illi l-esponenti meta saret taf b'dawn il-fatti, giet Malta u qabbdet avukat sabiex flimkien jaraw l-atti tal-kawza kontra taghha.

15. Illi l-esponenti saret taf ukoll li hemm konvenju pendenti fejn il-konvenut wieghed lil terzi li ser ibiegh il-proprjeta' "Sydney House," Triq ic-Cern, fix-Xghajra, Haz Zabbar, liema proprjeta' ser tinbiegh dalwaqt.

16. Illi l-esponenti ghalhekk intavolat konkorrentement ma' dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni, mandat ta' inibizzjoni bin-numru 50/06 sabiex thares id-drittijiet taghha.

17. Illi f'dan ir-rikors, l-esponenti tilmenta u tissottometti li l-hatra tal-kuratur u cioe' Dr. Frank Cassar ma kinitx wahda korretta u kienet hatra irregolari

u mhux skond kif tistipula l-ligi u dana peress li l-avukat Dr. Frank Cassar qatt ma kien l-avukat taghha u l-esponenti qatt ma kellha konsulent legali hawn Malta u fir-rikors ghall-hatra ta' kuraturi deputati gie ndikat l-isem tal-Avukat Dr. Frank Cassar LL.D. u dan bi ksur lampanti tal-ligi in virtu tal-Artikolu 930 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

18. Illi inoltre, fl-atti ma jirrizultax li gew notifikati kopji tal-bandi lil xi persuna jew persuni li tigi minnha u dan nonostante l-fatt li f'Malta l-esponenti ghandha t-tifel taghha li jghix hawn Malta u cioe' Ivan Damian Vella u dan bi ksur lampanti tal-Artikolu 931 tal-Kap.12.

19. Illi ghar-rigward il-hatra tal-kuraturi deputati Dr. Martin Fenech u Pl Veronica Rossignaud, tidher cara mill-eccezzjoniijiet intavolati mill-kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-esponenti, assenti minn Malta, li huma ma kinux konxji tal-fatti u/jew li l-esponenti ghandha t-tifel hawn Malta u li l-konvenut jaf ben tajjeb l-indirizz u n-numru tat-telefon fl-Inghilterra tal-esponenti.

20. Illi l-esponenti tigbed ukoll l-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li l-esponenti qatt ma rceviet korrispondenza mill-kuraturi deputati sabiex tigi a konjizzjoni ta' dawn il-proceduri u dan nonostante li l-Artikolu 936 tal-Kap.12 tezigi dan mill-kuraturi stess.

21. Illi ghalhekk fid-dawl tal-fatti u c-cirkostanzi kollha, hemm lok ta' ritrattazzjoni u dana peress li s-sentenza deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bic-citazzjoni numru 60/2004 fl-ismijiet **Joseph Vella vs Dr. Martin Fenech u PL. Veronica Rossignaud** li gew nominati b'digriet tal-10 ta' Settembru, 2003 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Eileen Vella, deciza fil-31 ta' Mejju, 2005, hija nulla u invalida u

dana peress li giet ottenuta bi frodi kif ukoll minghajr ma kienet legalment notifikata skond il-ligi u dan bi pregudizzju kbir ghaliha.

22. Illi, inoltre, ix-xhieda moghtija mill-konvenut f'din il-kawza mhix wahda veritijiera.

Ghal dawn il-motivi, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza moghtija fil-31 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **Joseph Vella vs Dr.Martin Fenech u PL Veronica Rossignaud** li gew nominati b'digriet tal-10 ta' Settembru, 2003 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti AB bic-citazzjoni numru 60/2004 u tordna r-ritrattazzjoni tal-istess a tenur tal-Artikolu 811 (a), 811 (b) u 811 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Rat ir-Risposta tal-konvenut li eccepixxa:-

1. Prelimarjament, in-nullita' tar-rikors guramentat promotur stante illi d-dikjarazzjonijiet fih kontenuti mhumiex enumerati kif rikjest tassattivament a tenur tal-Artikolu 156 (1) (a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Preliminarjament ukoll, jekk l-attrici AB tinsab assenti minn Malta hija ghandha tkun debitament rapprezentata minn persuna residenti f' Malta u ghalhekk l-azzjoni promossa hija nulla.

3. Preliminarjament ukoll, in-nullita' tar-rikors guramentat promotur stante illi m'hemmx talba specifika ghat-thassir tas-sentenza in kwistjoni u talba

specifika biex din l-Onorabbli Qorti tisma' u tiddeciedi l-kawza mill-gdid kif rikjest mil-ligi "ad validitatem."

4. Preliminarjament ukoll, l-azzjoni attrici hija perenta a tenur tal-Artiklu 818 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju stante illi ma gewx imharrka ukoll il-kuraturi deputati Dr. Martin Fenech LL.D. u PL Veronica Rossignaud illi kienu parti fil-proceduri ossija kawza illi taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u konsegwentement in-nullita' tal-kawza odjerna stante illi l-okkju tal-kawza huwa differenti minn dak tal-kawza li l-attrici qed titlob illi tigi ritrattata.

6. Preliminarjament ukoll, din il-kawza ghandha tigi dikjarata dezerta stante illi l-attrici ossija r-rikorrenti qabel il-prezentata ta' din il-kawza ma hallsitx l-ispejjes u drittijiet relattivi tal-kawza li qed tintenta titlob ir-ritrattazzjoni taghha.

7. Illi f'kull kaz l-attrici ossija r-rikorrenti ghandha l-oneru li tipprova illi ma kinitx taf bl-ghoti tas-sentenza in kwistjoni qabel ma ddekorra t-terminu ghall-appell tal-istess sentenza.

8. Illi fil-mertu t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kollha kontra taghha stante illi hija kienet giet mgharrfa bil-proceduri u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

9. Illi f'kull kaz din l-Onorabbli Qorti (kif diversament preseduta) illi semghet u ddecidiet il-kawza illi minnha qed tintalab ir-ritrattazzjoni odjerna kellha quddiemha l-fatti kollha inkluz il-kuraturi taz-zewg proprjetatjiet kemm dik f'Malta kif ukoll dik fl-Inghilterra mil-liema kuntratt tal-proprjeta' fl-

Inghilterra kien jirrizulta ukoll il-mortgage illi minhabba fih l-attrici qed tilmenta illi hija soffriet zvantagg u pregudizzju bis-sentenza kif deciza.

10. Illi f'kull kaz ukoll, jigi ddikjarat illi l-valur tal-proprjeta' mmobbli fl-Inghilterra, anke jekk minnu jigi dedott l-ammont rapprezentanti l-mortgage huwa ekwivalenti, jekk mhux ghola mill-valur tal-proprjeta' f'Malta illi bis-sentenza in kwistjoni giet assenjata lir-rispondent.

11. Illi, jigi rilevat ukoll illi l-mortgage ta' STG 40,000 sar unilateralment mir-rikorrenti ad insaputa tar-rispondent.

12. Illi f'kull kaz, anke jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi t-thassir tas-sentenza fl-ismijiet "Joseph Vella vs Dr. Martin Fenech LL.D. et. Citazzjoni numru 60/04 RCP" deciza fil-31 ta' Mejju, 2005 u tipprosegwi bis-smigh mill-gdid ta' din il-kawza, il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif maghmula minn dina l-Onorabbli Qorti fl-imsemmija sentenza, hija wahda gusta u ghalhekk timmerita illi terga' tigi konfermata.

Rat li l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut gew irtirati.

Rat is-sentenza in parte deciza fil-15 ta' Dicembru, 2009 fl-ismijiet "Eileen Vella kif rapprezentata f'Malta minn Frederick u Josephine, konjugi Gatt vs Joseph Vella – Rik. Nru 59/06."[1]

Rat is-sentenza tas-separazzjoni fl-ismijiet "**Joseph Vella vs Dr.Martin Fenech et. – Citaz. Nru. 60/2004 RCP**" deciza fil-31 ta' Mejju, 2005. [2]

---

[1] Ara fol. 58 tal-process.
[2] Ara fol. 203 tal-process.

Rat is-sentenza fl-ismijiet "**Eileen Vella kif rapprezentata f'Malta minn Fredrick u Josephine konjugi Gatt vs Joseph Vella – 59/06 GM**" deciza fis-6 ta' Dicembru, 2012, fejn il-Qorti ordnat ir-ritrattazzjoni tal-kawza numru 60/2004.[3]

Rat il-premessi tal-kawza numru 60/2004:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti a mensa et thoro minhabba ragunijiet validi u kkontemplati fil-ligi;
2. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja lil kull parti s-sehem tieghu/taghha mill-imsemmija komunjoni tal-akkwisti, mhux necessarjament f'ishma ugwali;
3. Tiddikjara x'inhi l-proprjeta' parafernali ta' kull parti u tassenja l-istess lil kull parti rispettivament;
4. Tiddikjara li l-ebda parti m'ghandha d-dritt li titlob jew tezigi hlas ta' retta alimentari minghand il-parti l-ohra;
5. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti l-ohra kollha opportuni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet fejn il-kuraturi deputati eccepew:-

1. Illi mhumiex edotti mill-fatti u  ghalhekk jirrizervaw li jipprovdu eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju aktar tard meta jkunu edotti mill-fatti.

2. Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

[3] Ara fol. 213 tal-process.

Rat li l-konvenuta ma pprezentatx ir-risposta guramentata taghha wara li l-Qorti ordnat ir-ritrattazzjoni.

Rat ix-xhieda migbura fil-kawza 60/2004.

Rat ir-Rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia datat 2 ta' April, 2018.[4]

**FATTI**

1. Il-partijiet izzewwgu fit-13 ta' Gunju, 1964 u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal H u G, illum maggorenni. Sas-sena 1969 kienu jghixu l-Inghilterra, izda meta miet missier il-konvenut kienu gew lura Malta biex il-konvenut ikompli jiggestixxi l-"joinery business" ta' missieru.

2. Bdew imexxu negozju ta' ironmongery il-Fgura u kienu joqoghdu fuq il-hanut, izda meta twieled it-tifel fl-1975 il-post kien sar zghir u kien hemm hafna kostruzzjoni ghaddejja madwarhom u l-attrici kienet talbitu sabiex isibu post iehor. Fl-1976 kienu xtraw art fi Triq Hompesch, il-Fgura biex jibnu d-dar, izda ftit xhur wara, il-konvenut bieghha ghall-prezz doppju. Imbaghad kien sab post ix-Xghajra u minhabba f'hekk li beda jkollhom l-inkwiet ghax l-attrici hasset li kien qed ipoggi l-interessi finanzjarji tieghu, qabel l-interessi tal-familja. Sa fl-ahhar kienu xtraw post ix-Xghajra u cioe' Sydney House, Triq ic-Cern, Xghajra, Zabbar u kienu kuntenti hawn.

[4] Ara fol. 569 tal-process.

3. L-attrici tghid li wara ftit, il-problemi zdiedu ghaliex il-konvenut kien beda jaghtiha flus ghall-ikel u ghall-kontijiet u xejn aktar minn hekk. Kien beda johrog mal-hbieb irgiel tieghu, in partikolari certu IJ, u kienu jdumu barra sa kmieni filghodu u jidhol xurban, filwaqt li lilha, tghid li kien cahhadha milli toqghod ma' shabha u kienet thossha wahedha.

   Fl-ahhar, l-attrici tghid li z-zwieg taghhom sfaxxa peress li kien aggressiv maghha.

4. L-attrici bdiet tibza' minnu minhabba li kien anke beda jheddidha u kien ghalhekk li ddecidiet li tmurx tghix l-Inghilterra fejn diga' kienet tghix binthom. Dan kien bejn 1987/88 u ma kinux isseparaw *de facto,* ghax kienet tikkomunika mal-konvenut kuljum. Wara sitt xhur kienet giet Malta biex tara lill-konvenut u binha u kien irnexxielha tikkonvinci lill-konvenut sabiex imur jahdem l-Inghilterra u fil-fatt kien mar u kien sab impjieg tajjeb fejn kien jaqla' 175 sterlina kuljum. Flimkien kienu xtraw il-proprjeta' North Gate Vale Market Weighton York u kienu ukoll hadu self ta' £27,000 mis-socjeta' tal-bini Northern Rock.[5] Pero', il-konvenut ma kienx kuntent bil-paga u kien rega' gie lura Malta u kien tah prokura lil bintu biex tidher hi jekk kemm il-darba kienu ser ibieghu l-proprjeta' pero' ezonera ruhu milli jhallas id-dejn.[6]

5. Peress illi mbaghad bint il-partijiet kienet harget tqila u kienet hassret minn mal-gharus, l-attrici nfurmat lill-konvenut li ma kellhiex alternattiva ghajr li tbiegh il-post peress li kellha tghin lil bintha.

---

[5] Ara Dok. XYZ 1 u XYZ 2.
[6] Ara Dok. XYZ 3.

6. Meta gie lura Malta jghid il-konvenut, li kien halla l-proprjeta' 29, Northgate Vale, Market Weighton, York lill-attrici biex hu seta' jzomm il-proprjeta' hawn Malta u cioe' 24, Triq ic-Cern, Xghajra, Zabbar. Skond il-konvenut il-proprjeta' l-Inghilterra kienet tal-komunjoni, izda jghid li l-attrici kienet bieghetha ghall-prezz ta' 49,000 sterlina, oltre down payment ta' 5% li kien jammonta ghal 30,000 sterlina u zammet kollox. Da parti taghha l-attrici tghid li mill-bejgh tal-post kienet dahlet £11, 803.13[7] u b'dawn il-flus l-attrici mbaghad kienet xtrat proprjeta' ohra numru 6, Garfield Close, Belton Grange, East Hull. Il-konvenut pero' jghid li ma kienx involut fin-negozju u lanqas kienet infurmatu l-attrici. L-attrici tinnega dan. Ighid li l-attrici kienet xtrat il-post ghall-prezz ta' 37,000 sterlina u kienet skond l-avukat taghha hadet loan.[8] Dan il-prezz huwa kkonfermat mill-attrici, li tghid pero' li kien hemm mortgage ta' £27,600 u dejjem hallsithom hi mhux il-konvenut.[9] Effettivament, l-attrici gabet provi li llum il-mortgage huwa ta' £42,449, minkejja li l-attrici kienet qed thallas il-loan regolarment.

   In kontro-ezami, l-attrici da parti taghha tikkonferma li kienu bieghu l-post f'Market Weighton fis-sena 1988/1989 u kienu bieghuha ghall-prezz ta' £29,000, li minnhom tghid li poggiet £10,000 fuq il-post il-gdid f'Hull, poggiet £5,000 fil-bank u bil-bilanc uzathom sabiex irrangat id-dar u xtrat karozza second hand.

7. Dwar il-konvenut, l-attrici tispjega li bejn is-snin 1989/1990, il-konvenut kien mar ighix maghha ghal sena fil-post ta' Hull mbaghad

[7] Ara Dok. XYZ 4 .
[8] Ara Dok.iv a fol.526 tal-process.
[9] Ara Dok. XYZ 5.

rega' gie lura Malta. Imbaghad tghid li fl-1992 kien rega' gie lura Malta, filwaqt li t-tfal kienu baqghu maghha.

8. Wara li xtrat il-proprjeta ta' Hull, tghid li hu u l-konvenut ma kinux flimkien u addiritura l-konvenut kien ighix ma' certu K. Sakemm kien l-Inghilterra tghid li kienu jghixu mill-beneficcji socjali tad-DHSS li kien jircievi l-konvenut.

   Meta l-konvenut telaq mill-Inghilterra fis-snin 1989-1990 kien iffirmalha kuntratt biex ighaddilha sehemu fil-proprjeta' tal-Inghilterra, izda bl-intendiment li l-proprjeta' f'Malta ssir tieghu, minkejja li qatt ma tkellmu fuq dan. Pero' dan huwa kkonfermat mill-attrici stess. Fl-2003, peress li saret taf li kien qed ighix ma' certu Marion, kienu ddiskutew li jaghmlu separazzjoni bonarja. Kien biss fl-2006 li saret taf li kien hemm kawza ta' separazzjoni. Il-konvenut jichad dan u jinsisti li hu kien baghtilha ittra b'abbozz ta' separazzjoni fejn kien qed jipproponi li l-fond tax-Xghajra tigi assenjata lilu, filwaqt li dik ta' Hull, l-Inghilterra, tghaddi ghandu, tant hu hekk li kienet irrispondiet ghal din l-ittra l-avukata taghha Donna Ingleby. Kien biss wara sena meta ma sema' xejn aktar minghandha li fetah il-proceduri ta' separazzjoni.

9. L-attrici ddikjarat li l-uniku introjtu taghha huwa li tircievi 30 sterlina kull gimgha bhala pensjoni u "pension credit" ta' 113 sterlina. Tghid li kienet ghamlet xi zmien tahdem, izda mbaghad kienet giet "redundant" u tghid li ma setghetx issib xoghol u kienet taghmel xoghol volontarju.

Oltre minn hekk tghid li thallas *mortgage* ta' 93 sterlina kull xahar u l-Gvern ihallsilha 79 sterlina tal-*mortgage* u l-assikurazzjoni fuq il-post, flimkien ma' spejjes ohra tal-utilitajiet.

L-attrici kkonfermat permezz ta' nota li l-valur tal-fond 6, Garfield Close, Hull HU9 5 AU baqa' l-istess bhalma kien indikat skond il-valutazzjoni mahruga mill-Agenti tal-Proprjeta' Browns peress li l-valur tal-proprjeta' f'din iz-zona ma nbiddlitx. Tiswa' cirka £80, 000 mentri hemm dejn fl-ammont komplessiv ta' £42,449.00. Tikkonferma li l-ammont ta' dejn ma nbiddilx peress li kienet qed thallas l-interessi biss u kienet qaghda ma naqsitx mill-kapital. Kienet qed thallas £178.86 fix-xahar.[10]

10. Il-konvenut ighid li waqt li kien l-Inghilterra kien jahdem ta' wood machinist u kien jaqla' cirka £200 fil-gimgha u Malta kien jaqla' l-istess. Kien applika ghall-pensjoni mill-Inghilterra fejn jircievi €99 fix-xahar mill-Inghilterra u ilu jircevihom sal-lum. Ighid waqt li kien joqghod l-Inghilterra kellu kont bankarju mal-Midland Bank u kien xi 500 sterlina u kien qasam il-flus  mal-attrici u ghalaq il-kont qabel ma gie lura Malta. Ighid li  kien jibghat il-flus l-Inghilterra u kien in parti minn dawn il-flus li l-attrici kienet xtrat il-post f'Northgate Vale u kienu jammontaw ghal cirka €10,000 lira bhala flejjes ghad-depozitu, l-ghamara u l-ispejjes tal-kuntratt. L-attrici esebit prospett b'dawn l-ispejjes.[11]

[10] Ara Dok. VI a fol. 532 tal-process.
[11] Ara Dok. II a fol.522 tal-process.

Il-konvenut kien qal ukoll li seta' kien il-kaz li kellu xi kont mal-Barclays Bank u li kien ghadu miftuh sas-sena 1995, izda kull kont li kellu l-Inghilterra jghid li kien ghalqu.

10. Ivan Cilia, in rapprezentanza tal-Legal Office tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali spjega li l-konvenut jircievi l-pensjoni taz-zewg terzi fis-somma ta' €132.16 fil-gimgha, u ilu jehodha sa mit-12 ta' April, 2003, flimkien mal-bonus addizjonali fis-somma ta' €3.12, plus €8.93 fil-gimgha *cost of living* li beda jinghata mill-2008 u li jigu €144.21 fil-gimgha u ghajnuna supplementari li beda jirceviha mill-5 ta' Lulju, 2003.[12] Jircievi ukoll €135 bonus ta' kull sitt xhur.

11. Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. tikkonferma li kien hemm kont f'isem il-konvenut u dan kien inghalaq fil-11 ta' Awissu, 2009.[13]

12. Romuald Attard, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. jikkonferma li l-konvenut kellu seba' kontijiet. Zewg kontjiet huma miftuhin biss u dawn huma Dok. BOV 3 u BOV 7.[14]

**IKKUNSIDRAT**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

---

[12] Ara Dok. DSS 1
[13] Ara Dok.HSBC 1
[14] Ara Dok. BOV 1 – BOV 7

Dina l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-**moħqrija**, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"**Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*** **Hekk per ezempju, "biex ikun hemm mohqrija jehtieg li jkun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima, imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien."[15]**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

[15] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, Appell Civili, 21 ta' Frar, 1969.

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Ir-rikorrenti ghamlet ukoll referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-

hajja matrimonjali tkun giet reza’ mpossibbli da parti ta’ xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Il-partijiet gabu provi limitati ghal dak li jirrigwarda l-htija taghhom. Aktar ghamlu emfazi fuq l-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti. Il-provi tal-konvenut fil-konfront tal-attrici huma ghal kollox fjakka, filwaqt li l-provi tal-attrici huma aktar kredibbli u veritieri. Jirrizulta li l-problema principali kienet dejjem tirrigwarda l-finanzi u li l-attrici kellha taccetta ghal certu zmien, il-xhuhija tal-konvenut, li lanqas kellu decenza ssib post adegwat ghall-familja tieghu, sakemm imbaghad irnexxielha wara hafna glied tikkonvincih l-attrici.

Ukoll, ma jidhirx li kien ighaddi hafna flus lill-attrici ghall-hajja ta’ kuljum, tant li lanqas kienet taf kemm kienet il-paga tieghu. L-attrici spiccat biex telqet tghix l-Inghilterra, tant ma kinitx kuntenta.

Tenut ta’ dan kollu, jidher li l-htija ghall-firda hija tal-konvenut li rrenda ruhu hati ta’ mohqrija.

**<u>ADULTERJU</u>**

lli fil-kawza fl-ismijiet **“Rose Gauci vs Salvatore Gauci”** (P.A. (RCP) 1 ta’ Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

“*… l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** jghid illi “Kull parti mizzewga tista’ titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra”. Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **“Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V.***

***Grech et noe".*** *(P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* (**"Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

Il-partijiet ma gabu l-ebda provi konkreti fuq dan il-fattur u ghalhekk l-istess htija ma gietx ippruvata ghal ebda parti.

**MANTENIMENT**

Fis-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju, 2005, dina l-Onorabbli Qorti kienet iddecidiet li ma kinux jezistu l-estremi sabiex l-attrici tircievi manteniment minghand ir-ragel.

Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, tah dawl fuq l-introjtu tar-ragel li tikkonsisti fis-segwenti:-

i) €132.16 fil-gimgha;
ii) €3.12 bonus addizzjonali;
iii) €8.93 cost of living fil-gimgha

Total = €144.21 fil-gimgha

Ma dawn ghandhom jizdiedu ukoll il-bonus ta' kull sitt xhur li huwa €135.

Jircievi ukoll pensjoni mill-Inghilterra ta’ €99 fix-xahar.

Total = €234.21

Dwar l-attrici hija ddikjarat is-segwenti ntrojtu li tircievi mill-Inghilterra biss u dan jikkonsisti fis-segwenti:-

i) £30 fil-gimgha pensjoni;
ii) £113 pension credit fil-gimgha;
iii) £79 fix-xahar minghand il-Gvern biex thallas il-*mortgage*.

Total fil-gimgha = £143
Total fix-xahar - £ 222

Minnhom thallas £93 fix-xahar fuq il-*mortgage*.

Dina l-Qorti ma tistax taqbel mad-decizjoni tal-perit legali li l-introjtu tal-attrici huwa aktar minn tal-konvenut. Il-kalkolazzjonjiet huma cari u ma jhallu ebda dubju fuq il-gudikant. Taqbel ma’ dak sottomess mill-attrici li taghti verzjoni verosimili tal-istat finanzjarju taghha u cioe’ li bil-kemm tlahhaq, tant hu hekk li qed thallas il-mortgage u l-ammont dejjem jikber peress li ghadha qed taqta’ mill-interessi u mhux mill-kapital.

Mill-parti l-ohra, il-konvenut jidher li m’ghandux dejn u ghalhekk is-sitwazzjoni tieghu hija ferm ahjar minn dik tal-attrici.

Tenut ta’ dan, il-konvenut ghandu jghaddi s-somma ta’ €80 fix-xahar lill-attrici bhala manteniment.

**<u>ASSI MOBBLI</u>**

**<u>BANEK</u>**

Dwar kontijiet bankarji, xehdu rapprezentanti tal-Bank of Valletta plc. u tal-HSBC Bank Malta plc. Jirrizulta li l-konvenut kellu xi kontijiet maz-zewg banek, uhud miftuhin u uhud maghluqin. In kontro-ezami, il-konvenut jametti li kellu kontijiet bankarji mal-Midland Bank, izda jichad li kellu kontijiet mal-Lloyds, minkejja li gie muri cekk mahrug mill-Lloyds Bank. Dwar il-kont mal-Barclays Bank, il-konvenut ma nnegax li l-kont kien ghadu miftuh, izda jinsisti li kien dormant.

Fuq l-attrici hawn Malta ma rrizultawx kontijiet bankarji, izda sostniet li kellha kontijiet mal-Barclays Bank l-Inghilterra.

Il-Qorti se tikkonferma dak sostnut mill-perit legali:-

***"Li ghalhekk mill-provi ma jirrizulta xejn dwar kemm flus kellu l-konvenut fil-kont jew kontijiet barra minn Malta kif qed tikkontendi l-attrici. Id-dokumenti li juru li r-ragel kellu kont fil-Midland Bank ma saret ebda prova dwar il-flus kollha ddepositati fih. Fi kwalunkwe kaz tali depoziti ghandhom jinqassmu konguntivament bejn il-partijiet.***

***Dwar il-kontijiet bankarji f'Malta, jirrizulta li l-attrici ma kellha xejn filwaqt li dawk li rrizultaw f'isem il-konvenut cioe' kont wiehed mal-HSBC Bank Malta plc. u kontijiet mal-Bank of Valletta. Dwar dawn il-kontijiet il-***

***perit legali tinnota li ma kienx hemm ammonti sostanzjali u li l-bilanci ghandhom jinqasmu kwantu ghal nofs bin-nofs bejn il-partijiet.”***[16]

**PROPRJETA’ IMMOBBLI**

**(a) Id-dar Northgale Vale (Inghilterra)**

Mhux ikkontestat mill-partijiet li l-fond f’Market Weighton f’York kien inxtara fiz-zwieg u ghalhekk jappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut ma kien ha xejn mill-bejgh ta’ dan il-fond, izda kienet zammet il-fondi l-attrici u bihom kienet zammet parti bhala deposit, b’kollox £10,000, iddepositat 5000 sterlina l-bank u £14,000 uzathom biex tarma d-dar u kienet anke xtrat vettura ghal mhux aktar minn £3.000.

Hemm qbil ukoll li din id-dar f’ Hull inxtrat ghall-prezz ta’ £37,000 u l-attrici qieghda thallas £27,000. Go din id-dar kienet tghix l-attrici, flimkien ma’ bintha u n-neputi. Bejn 1989-1990, il-konvenut kien ighix maghhom, izda rritorna lura Malta. Il-konvenut ma riedx ihallas il-mortgage, li kienet telghet ghall-£42,449 u sal-5 ta’ Lulju, 2016 kienet ghadha l-istess peress li l-attrici tametti li mhux dejjem kienet puntwali fil-pagamenti u l-interessi kienu jammontaw ghal 14%. Bhala valur tal-fond, li jidher ma giex ikkontestat mill-konvenut, huwa ta’ £80,000.

Mill-atti jirrizulta li meta l-partijiet kienu marru jghixu l-Inghilterra, mill-komunjoni kienu xtraw il-proprjeta’ f’ Market Weighton u l-konvenut ighid li kienu uzaw £10,000. Il-Qorti ttenni pero’ li mill-provi prodotti, l-attrici kienet

[16] Ara fol. 591 tal-process.

xtrat il-proprjeta' f'Hull, ghax kien irhas li tghix hemm u kienet ilha thallas il-mortgage wahedha.

Mhuwiex minnu, kif tissottometti l-attrici, li l-perit legali kienet qed tinsisti li l-flus li hargu mill-komunjoni ghandhom jinqassmu, anzi ghall-kuntrarju hija rrelatat hekk:-

***"Dwar ir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta' li l-partijiet kienu xtraw flimkien il-perit legali hija tal-fehma li l-mara m'ghandhiex tassenja lir-ragel nofs ir-rikavat minn tali bejgh stante d-declaration of trust li kien ghamel ir-ragel u li fiha qabel li l-mara tiehu kollox u anke ghaliex dan ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjes ta-hajja inkorsi mill-mara ghaliha u ghal uliedha."***

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti taqbel mad-decizjonijiet tal-perit legali li sehem il-konvenut fid-dar ta' Hull, ghandu jigi assenjat lill-attrici flimkien mad-dejn, tenut kont li din ilha r-residenza ordinarja taghha u cioe' minn mindu akkwistata.

**b) Dar tax- Xghajra**

Din id-dar inxtrat waqt iz-zwieg u ghalhekk tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti. Il-perit legali tinsisti li nofs il-valur ta' dan ghandu jinghata lill-attrici, filwaqt li d-dar "Sydney House," 24, Triq ic-Cern, Xghajra, tigi assenjata lill-konvenut. Madanakollu, meta l-partijiet kienu sseparaw *de facto*, l-attrici u l-konvenut kienu ftehmu bil-miktub li l-post tal-Inghilterra jigi f'idejn l-attrici u l-konvenut izomm il-post tax-Xghajra, ghalkemm dan kien intiz u mhux miktub, pero' kkonfermat mill-attrici stess.

***"He did not renounce to the share of the proceeds from the sale of Market Weighton, because I did not ask him for any money from Xghajra."***[17]

Aktar minn hekk in kontro-ezami tghid hekk:-

***"Asked whether the agreement with my husband was that I deal with the second property since I was not ready to go back to Malta and I say that I was not ready to live with him and he did not want to fork any money. In the property in Xghajra he changed the lock and told me to go and live in Fgura. When I bought the second property we were living separate lives."***[18]

Ghalhekk, din il-Qorti thoss li l-partijiet kienu hadu decizjoni li jghixu hajja separata, peress li l-attrici ma kellha ebda intenzjoni li tirritorna tghix Malta u ghalhekk kien hemm l-intendiment li l-konvenut ighix Malta, fil-proprjeta' li kellhom, filwaqt li l-attrici tghix l-Inghilterra, izda kellha ssib il-mezzi taghha biex thallas il-post.

S'hawn dan l-arrangjament ma jipprezenta l-ebda problema, izda hawn fejn din il-Qorti ma taqbilx mal-perit legali, ghaliex primarjament, il-konvenut fetah kawza ta' separazzjoni fejn talab il-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-imsemmija proprjeta', liema kawza giet ritrattata a bazi tal-fatt li l-attrici ma kinitx konsapevoli tal-proceduri ta' separazzjoni peress li nqabbdu kuraturi, meta effettivament, il-konvenut kellu indirizz tal-attrici l-Inghilterra, peress li kien ghamel sena jghix maghha u kien hemm ukoll it-tifel taghha hawn Malta li seta' jirrapprezenta l-interessi taghha. Oltre minn hekk, il-konvenut kien

[17] Ara fol.508 tal-process.

[18] Ara fol. 552 tal-process.

dahal f'konvenju biex ibiegh l-istess proprjeta' tax-Xghajra minghajr ma avza' lill-attrici.

Aktar minn hekk, kif accennat il-perit legali, il-konvenut kellu sat-22 ta' Frar, 2017 sabiex jipprezenta valutazzjoni tal-fond tax-Xghajra u kien naqas li jaghmel dan sakemm ipprezentat ir-rapport taghha. Madanakollu, ipprezenta nota fis-27 ta' April, 2018 fejn iddikjara li l-valur tal-post huwa ta' €170,000,[19] liema valur hemm qbil fuqu u valur ta' prattikament id-doppju tal-post l-Inghilterra,[20] li jiswa' £80,000.

Tenut kont ta' dan l-ekwiparazzjoni ma tistax tkun wahda gusta ghall-attrici, meta l-konvenut halliha terfa' r-responsabbilita' tad-djun l-Inghilterra, waqt li kienet anke qed trabbi lil binthom u n-neputi taghhom, filwaqt li l-konvenut dahhal mara ohra tghix fid-dar tax-Xghajra. Lanqas, ma tista' taqbel mal-konkluzzjoni tal-perit legali li nofs is-sehem tad-dar ix-Xghajra ghandha tithallas lill-attrici, filwaqt li l-istess proprjeta' tigi assenjata lill-konvenut, peress imbaghad l-mizien ixaqleb wisq lejn l-attrici. Thoss li tkun aktar gusta mal-attrici jekk id-differenza fil-valuri u cioe' dik ta' €90,000 tigi diviza bejn il-partijiet b'mod li jkopri l-mortgage li qed thallas l-attrici l-Inghilterra u spejjes ohra li ilha tohrog biex tiehu hsieb il-familja, meta l-konvenut gie lura Malta. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis bhala somma gustifikabbli, s-somma ta' €60,000 li l-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici bhala sehemha mill-istess fond tax-Xghajra.

[19] Ara fol. 593 tal-process.
[20] Ara verbal a fol. 600 tal-process.

**ASSI PARAFERNALI**

Ma saret ebda prova dwar tali assi.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tawtorizza s-separazzjoni *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba mohqrija da parti tal-konvenut;
2. Tilqa’ t-tieni talba u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq spjegat;
3. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tielet talba stante li ma gewx prodotti provi fuq il-proprjeta’ parafernali;
4. Tilqa’ r-raba’ talba;
5. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta’ din it-talba stante l-provvedimenti moghtija aktar ‘l fuq.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati nterament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**